Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,010, 10 ta' Novembru, 2000
Taqsima B

A.L. 232 ta' l-2000

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tas-sena 2000 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts - M.A. - in Linguistics

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti tas-sena 2000 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts - M.A. - in Linguistics.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" tfisser il-Bord ta' l-Istudji maħtur mis-Senat biex imexxi l-Kors għan-nom tal-Fakulta' ta' l-Arti. Il-Bord għandu jkun magħmul mir-Rettur bħala *Chairman,* tliet membri maħtura mill-Bord tal-Fakulta' ta' l-Arti u tliet membri maħtura mill-Bord ta' l-Istitut tal-Lingwistika;

"il-Grad" tfisser il-Grad ta' Master of Arts - M.A. - in Linguistics; u

"il-Kors" tfisser il-kors ta' l-istudji li jwassal għall-Grad ta' Master of Arts - M.A. - in Linguistics.

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 1999 jew wara.

Eliġibbilita' għad-Dħul

3. L-applikanti jistgħu jidħlu fil-Kors jekk ikollhom waħda mill-kwalifiki li ġejjin:

(a) grad ta' Bachelor of Arts (Honours) bl-Ewwel jew it-Tieni Klassi fil-Lingwistika jew l-ekwivalenti tiegħu minn din l-Universita' jew minn universita' oħra rikonoxxuta mis-Senat għal dan il-għan; jew

(b) grad ta' Bachelor bl-Ewwel jew it-Tieni Klassi bl-Unuri jew l-ekwivalenti tiegħu minn din l-Universita' jew minn universita' oħra rikonoxxuta mis-Senat għal dan il-għan f'qasam ta' studju li jinkludi għadd sostanzjali ta' kredti għal taqsimiet studju relatati mill-qrib u rilevanti għal Lingwistika,
iżda l-Bord jista' jeħtieġ li dawn l-applikanti jsegwu l-Kors Preparatorju, jgħaddu mill-Eżami Finali Sinottiku u jissodisfaw xi rekwiżiti addizzjonali li l-Bord jista' jimponi; jew

(ċ) grad ta' Bachelor b'Kategorija I jew II jew l-ekwivalenti tiegħu minn din l-Universita' jew minn universita' oħra rikonoxxuta mis-Senat għal dan il-għan f'qasam ta' studju li jinkludi għadd sostanzjali ta' kredti għal taqsimiet studju relatati mill-qrib u rilevanti għal Lingwistika,
iżda l-Bord jista' jeħtieġ li dawn l-applikanti jsegwu l-Kors Preparatorju, jgħaddu mill-Eżami Finali Sinottiku u jissodisfaw xi rekwiżiti addizzjonali li l-Bord jista' jimponi.

Il-Kors Preparatorju

4. (1) Matul il-kors preparatorju ta' sena fuq bażi *full-time* (jew l-ekwivalenti tiegħu fi studju fuq bażi *part-time*), l-istudenti jkunu meħtieġa jirreġistraw għal għadd ta' taqsimiet studju li għalihom mhux anqas minn għoxrin u mhux aktar minn ħamsa u għoxrin kredtu huma assenjati. Il-Bord jista' jitlob li l-kredti jinkludu

dissertazzjoni li għaliha jkunu assenjati ħames kredti. Il-Bord jista' jeżenta lill-istudenti minn xi whud mit-taqsimiet studju li huma jkunu diġa' temmew b'suċċess jew l-ekwivalenti tagħhom.

(2) Fit-tmiem tal-kors preparatorju, għandu jkun hemm Eżami Finali Sinottiku li jikkonsisti f'żewġ karti ta' tliet sigħat-il waħda (normalment simili għall-eżami kollu tal-Bachelor of Arts (Honours) fil-Lingwistika jew għall-parti minnu, bil-livell għallinqas tat-Tieni Klassi bl-Unuri). Waħda mill-karti tista' tingħażel għar-rilevanza tagħha għall-qasam ta' studju ta' l-istudent.

(3) Ir-riżultat finali għandu jqis il-livell milħuq mill-istudent fl-Eżami Finali Sinottiku kif ukoll il-kredti u l-gradi miksuba matul il-kors preparatorju. L-Eżami Finali Sinottiku għandu ħamsin fil-mija tal-piż għall-iggradar tar-riżultat finali, fil-waqt li l-ħamsin fil-mija l-oħra jkunu kkalkulati fuq il-bażi tal-medja globali tal-kredti miksuba matul il-kors preparatorju.

(4) L-ismijiet ta' l-istudenti jkunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku f'żewġ kategoriji:

Għadda u Kkwalifika biex jidħol għal Master of Arts - M.A. - in Linguistics
Weħel.

Ir-Reġistrazzjoni għall-Kors

5. (1) Qabel ma jidħlu fil-Kors, l-applikanti għandhom ikunu approvati mill-Bord li għandhom it-taħriġ, it-tagħlim u l-kapaċitajiet meħtieġa għal-linja ta' studju u riċerka proposta.

(2) L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu t-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni, u proposta komprensiva ta' riċerka ta' madwar 500 kelma.

It-Tul tal-Kors

6. (1) Il-Kors jinfirex fuq mhux anqas minn ħmistax u mhux aktar minn tmintax-il xahar ta' studju fuq bażi *full-time* wara r-reġistrazzjoni,

iżda l-Bord jista' jispeċifika perijodu ta' studju itwal jekk in-natura tar-riċerka li tkun se ssir teħtieġ dan. Il-Bord jista', qabel il-preżentazzjoni tad-dissertazzjoni, jestendi dan il-perijodu b'perijodu ieħor li ma jaqbiżx it-tnax-il xahar.

(2) L-istudenti jistgħu, bil-permess tal-Bord, jirreġistraw fuq bażi *part-time*. Kwalunkwe perijodu ta' studju jew riċerka fuq bażi *part-time* għandu jkun ikkonsidrat ekwivalenti għal nofs l-istess perijodu ta' studju jew riċerka fuq bażi *full-time*.

(3) L-istudenti, kemm fuq bażi *full-time* kif ukoll fuq bażi *part-time*, għandhom jerġgħu jirreġistraw għall-Kors fil-bidu ta' kull sena akkademika.

Il-Programm tal-Kors

7. (1) Il-Bord jista' jeħtieġ li l-istudenti jsegwu u jtemmu b'suċċess taqsimiet studju li għalihom mhux aktar minn ħames kredti jkunu assenjati. Il-kontenut ta' kull taqsima studju għandu jkun determinat mill-Bord.

(2) L-istudenti jkunu meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni dwar suġġett approvat, normalment ta' mhux aktar minn 50,000 kelma. Id-dissertazzjoni għandha tkun jew rekord ta' xogħol oriġinali jew espressjoni ordinata u kritika ta' data eżistenti dwar suġġett partikolari. Hija għandha tissodisfa lill-Bord f'dak li huma lingwa u preżentazzjoni letterarja kif ukoll tissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet kollha mniżżla fir-regolament 9.

(3) L-ebda dissertazzjoni ma tkun milqugħa jekk tkun identika fis-sustanza għal dissertazzjoni diġa' sottomessa għal grad ta' din l-Universita' jew ta' universita' oħra. L-istudenti, iżda, ma jinżammux milli jinkorporaw xogħol għal dissertazzjoni li sar qabel jekk ikun meħtieġ għall-preżentazzjoni u għall-ftehim isħeħ ta' l-espożizzjoni tagħhom, basta li x-xeħta u l-medda tax-xogħol inkorporat ikunu ndikati ċar fid-dissertazzjoni nnifisha.

Is-Superviżjoni tad-Dissertazzjoni

8. Il-Bord għandu jaħtar superviżur għal kull student. Is-superviżur għandu jeħtieġ lill-istudent jirrapporta għandu mill-anqas darba kull tliet xhur, jew aktar spiss kif huwa jidhirlu xieraq. Huwa jista' jirreferi lill-Bord student li jqis li x-xogħol tiegħu mhuwiex sodisfaċenti u għandu jirreferi xi tibdil sostanzjali fit-titlu jew fil-kontenut tad-dissertazzjoni ppjanata għall-approvazzjoni tal-Bord. L-ebda dissertazzjoni ma għandha tkun sottomessa lill-eżaminaturi mingħajr ċertifikat, iffirmat mis-superviżur, li hija tikkonforma ma' dawn ir-regolamenti.

Il-Preżentazzjoni tad-Dissertazzjoni

9. (1) Id-dissertazzjoni għandha tissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin:

(a) **Id-Daqs tal-Karta:** id-Daqs Standard Internazzjonali A4 (11¾" x 8¼");

(b) **L-Ittajpjar:** Font qies 12. Spazju doppju għat-test ewlieni. Spazju singlu għan-noti f'qiegħ il-paġna. L-ispazju singlu jista' jintuża wkoll għal kwotazzjonijiet twal fit-test ewlieni. Marġni fuq ix-xellug ta' 40 mm. Marġni ta' fuq u fuq il-lemin ta' 20 mm. Marġni ta' fuq ta' 80 mm għandu jitħalla fuq l-ewwel paġna ta' kull diviżjoni, jiġifieri kapitli, bibljografija, eċċ. In-noti għandhom jidhru fil-qiegħ tal-paġna rilevanti jew ta' kull kapitlu;

(ċ) **Il-Paġinar:** It-test ewlieni, inklużi d-daħla (jekk ikun hemm) u xi appendiċi tad-dissertazzjoni, għandhom iżżunu b'numri Għarab. Il-paġna tat-titlu, id-dedika (jekk ikun hemm), il-prefazju, ir-rikonoxximenti, il-werrej, eċċ li jiġu qabel it-test ewlieni għandhom ikunu b'numri Rumani;

(d) **Il-Legatura:** Għandhom ikunu ppreżentati tliet kopji tad-dissertazzjoni mhux illegati. Wara li d-dissertazzjoni tkun difiża b'suċċess, żewġ kopji tad-dissertazzjoni kif approvata mill-Bord ta' l-Eżaminaturi għandhom ikunu meħjuta u llegati bid-drapp (jekk jista' jkun iswed) b'qoxra iebsa u bil-karti tat-tarf ta' kwalità tajba; b'ittri (jekk jista' jkun bid-deheb) fuq il-qoxra u d-dahar li juru:

(i) l-isem ta' l-istudent;

(ii) it-titlu jew it-titlu fil-qosor tad-dissertazzjoni;

(iii) il-grad li għalih id-dissertazzjoni ġiet sottomessa; u

(iv) is-sena meta ġiet sottomessa.

Mapep, disinji, *graphs*, materjal stampat, eċċ. għandhom ikunu llegati mad-dissertazzjoni, iżda jekk dan ma jkunx possibbli għandhom ikunu ppreżentati għalihom f'*folders* jew f'volumi speċjali u nnumerati. Kopja llegata għandha titqiegħed fil-Librerija ta' l-Universita' u ż-żewġ kopji l-oħra għandhom jinżammu mill-Fakulta' ta' l-Arti u mill-Istitut tal-Lingwistika; u

(e) **It-Tifsila tal-paġna tat-titlu:** It-titlu tad-dissertazzjoni u s-sotto-titlu (jekk ikun hemm) u warajh l-isem ta' l-istudent, eż. "Dissertazzjoni ppreżentata lill-Fakulta' ta' l-Arti fl-Universita' ta' Malta għall-grad ta' Master of Arts - M.A. - in Linguistics", imbagħad ix-xahar u s-sena ta' meta ġiet sottomessa.

(2) Id-dissertazzjoni għandha tinkludi dikjarazzjoni ffirmata mill-istudent li din hija x-xogħol oriġinali tiegħu.

L-Eżami tad-Dissertazzjoni

10. (1) Kull dissertazzjoni tkun eżaminata minn Bord ta' l-Eżaminaturi maħtur skond il-provvedimenti tar-Regolamenti għall-Eżamijiet ta' l-Universita'. Wieħed mill-eżaminaturi għandu normalment ikun eżaminatur barrani minn universita' oħra.

(2) L-istudenti għandhom normalment ikunu meħtieġa joqogħdu għal eżami *viva voce* biex jiddefendu d-disssertazzjoni tagħhom.

Is-Sottomissjoni mill-ġdid tad-Dissertazzjoni

11. L-istudenti li d-dissertazzjoni tagħhom tinstab mhux sodisfaċenti jistgħu jitħallew mill-Bord, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Eżaminaturi, jerġgħu jissottomettuha f'forma riveduta fi żmien mhux anqas minn sitt xhur u mhux aktar minn tmintax-il xahar mid-data ta' meta tkun riferuta lura lilhom.

Ir-Riżultat Finali

12. (1) Ir-riżultat finali ta' l-istudenti għandu jqis il-merti tad-dissertazzjoni tagħhom u tad-difiża orali tagħha.

(2) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tal-Grad ikunu ppublikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni

Għadda.